# QORTI ĊIVILI

## PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**DIGRIET FINALI**

**ILLUM 14 TA' APRIL 2021**

**Fl-atti tar-rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni nru 436/2021**

**Fl-ismijiet:-**

**Georgina Grima armla ta' Philip Grima, Joseph Grima u Doreen Grima**

**Vs**

**Joseph Micallef, Rose Micallef u Mark Micallef**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Georgina Grima et tat-23 ta’ Marzu 2021 li permezz tiegħu għar-raġunijiet hemm mogħtija qed jitolbu lill-Qorti tordna l-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni kontra l-intimati sabiex iżżomm lilhom jew nies minnhom inkarigati milli jibnu, jikkostruwixxu u/jew jagħmlu kull tip ta’ xogħolijiet ta’ kostruzzjoni fl-għalqa ta’ Dora sive Tat-Trombu ta’ circa tomnejn konsistenti fi tlett kanni flimkien konġunti bil-kamra rurali li hemm fihom u l-għalqa ta’ Dors sive Tat-Tombu ta’ circa hames sigħan konsistenti f’żewġ kaxxi flimkien konġunti bil-kamra rurali li hemm fihom kif deskritti f’kuntratt tan-Nutar Dottor Carmelo Lia tas-6 ta’ Mejju 1966.

Rat ir-risposta tal-intimati Joseph Micallef et. tat-8 ta’ April 2021 li permezz tagħha għar-raġunijiet hemm mogħtija iddikjaraw bla preġudizzju illi sakemm il-kawża tiġi deċiża b’mod finali huma ma għandhom l-ebda ħsieb illi jagħmlu ebda żvilupp fuq l-art fuq imsemmija.

Rat illi fl-udjenza tat-12 ta’ April 2021 l-intimati eċċepew ulterjorment illi l-proċedura intavolata mir-rikorrenti hija irritwali peress li ma ġietx ippreżentata quddiem il-Qorti tal-Appell li quddiemu jinsab pendenti l-appell mis-sentenza tal-prim’ istanza mogħtija fil-kawża fil-mertu ta’ bejn il-partijiet.

Semgħat it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet;

Rat l-atti;

Rat li r-rikors tħalla għal digriet kamerali;

Ikkonsidrat;

**L-Eċċezzjoni Preliminari**.

L-intimati jeċċepixxu illi r-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kellu jiġi intavolat quddiem il-Qorti tal-Appell peress li l-kawża ta' bejn il-partijiet kienet ġiet deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta dwar liema sentenza l-intimati intavolaw appell li jinsab pendenti. In sostenn ta' tali eċċezzjoni l-intimati jiċċitaw sentenza fl-ismijiet Claude Zammit et. vs Saviour Micallef et. mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-5 ta' Lulju 2018 fl-atti ta' rikors revoka.

Ir-rikorrenti iqisu tali eċċezzjoni bħala infondata peress li jissottomettu illi l-mandati kawtelatorji għandhom jinħarġu mill-Qorti tal-prim' istanza anke meta hemm appell pendenti.

Ikkonsidrat;

Is-sentenza ċitata mill-intimati tirreferi għall-proċeduri ta' rikors għal revoka ta' mandat u mhux għal rikors għal ħruġ ta' mandat kawtelatorju bħalma hu l-każ odjern. Huwa minnu li meta hemm kawża pendenti, r-rikors revoka ta'mandat kawtelatorju għandu jiġi ppreżentat quddiem dik il-Qorti li tkun qed tisma' l-kawża fil-mertu fil-jum li fih jiġi intavolat ir-rikors revoka. Isegwi għalhekk illi meta kawża tkun tinsab fi stadju ta' appell, rikors għal revoka ta' mandat kawtelatorju f'dak l-istadju għandu jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Appell li tkun qed tisma' l-appell.

Il-każ odjern pero' si tratta ta' mandat kawtelatorju li ma hux regolat bid-disposizzjonijiet relativi għal rikors revoka mandat.

Il-Qorti tagħmel referenza għall-**Artikolu 265 tal-Kapitolu 12 tal**-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi illi:-

"Fil-każ ta' appelli, is-sentenza għandha tiġi esegwita mill-qorti tal-ewwel grad, indipendentement minn jekk il-Qorti tal-Appell tikkonferma, tvarja jew tħassar is-sentenza tal-ewwel qorti."

Interessanti jiġi osservat illi qabel dan l-artikolu ġie emendat bl-Att XXXI tal-2002, dak preċedenti kien jipprovdi illi sentenza tal-Qorti tal-Appell li tikkonferma sentenza tal-prim' istanza tiġi eżegwita mill-Qorti tal-prim' istanza; iżda jekk is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tkun irrevokat is-sentenza appellata allura s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tiġi eżegwita mill-Qorti tal-Appell u mhux mill-Qorti tal-prim' istanza. Dak kien il-provvediment applikabbli sa mis-sena 1913 sakemm kif rajna ġie emendat fis-sena 2002.

Isegwi għalhekk illi una volta li mandat eżekuttiv għandu dejjem jiġi eżegwit minn qorti tal-ewwel grad, indipendentement jekk il-Qorti tal-Appell ikkonfermatx, varjat jew ħasret is-sentenza tal-Qorti tal-ewwel grad; multo maġis jekk si tratta ta' mandat kawtelatorju.

Għaldaqstant il-Qorti qed tirrespinġi l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati.

Ikkonsidrat;

**Ħtieġa ta' Mandat ta' Inibizzjoni**.

Dwar it-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni; il-Qorti osservat illi l-intimati iddikjaraw fir-risposta tagħhom illi għalkemm ottjenew mingħand l-awtorita' kompetenti permess għal żvilupp; huma mhux beħsiebhom jagħmlu xi żvilupp fuq l-artijiet de quo pendenti l-eżitu tal-appell minnhom intavolat.

Il-fatt li l-intimati ottjenew mingħand l-awtorita' kompetenti permess ta' żvilupp dwar il-proprjeta' mertu tal-kawża fil-mertu pendenti fl-appell, ir-rikorrenti għandhom dritt li jikkawtelaw il-pretensjoni tagħhom billi jitolbu li l-intimati jiġu miżmuma milli b'xi mod jiżviluppaw l-immobbli de quo. Id-dikjarazzjoni tal-intimati tista' titqies bħala konferma li r-rikorrenti għandhom id-dritt li jitolbu l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni pendenti l-eżitu tal-appell.

Wara li l-Qorti eżaminat l-atti hija tal-fehma illi għalkemm huwa minnu li l-intimati qed jiddikjaraw illi pendenti l-eżitu tal-appell huma ma humiex beħsiebhom jiżviluppaw l-art de quo, xorta fil-fehma tal-Qorti jirriżultaw l-estremi għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kif mitlub.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti,

1. Tilqa' r-rikors ta' Georgina Grima et.tat-23 ta' Marzu 2021 u tordna l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni kif mitlub.

2. Tordna n-notifiki skond il-liġi.

Spejjeż riżervati għas-sentenza fl-appell fuq imsemmi.

**Mogħti kameralment illum 14 ta' April 2021.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**